**5 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

George Xuereb

**Offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula fil-pubbliku - "lok espost għall-pubbliku"**

*Bl-espressjoni "lok espost għall-pubbliku" fl-artikolu 209 hu evidenti*

*li l-legislatur ma riedx jillimita ruhu sempliċement għal postijiet pubbliċi jew għal postijiet li jkunu privati iżda "aċċessibbli" għall-pubbliku, iżda ried jinkludi postijiet privati iżda li ġo fihom terzi persuni jkunu jistgħu normalment jittawlu u jaraw xi jkun qed jiġri, sia jekk dawn it-terzi jkunu fit-triq, fuq bjut jew fi twieqi. Jingħad "normalment" fis-sens li dak li jkun qed jiġri f'dan il-lok privat ikun viżibbli għal terza persuna mingħajr ma din ikollha bżonn tuża xi apparat straordinarju bħal titla' ma' xi ħbula jew fuq slielem jew kaxex.*

*Il-kontravvenzjoni msemmija fl-artikolu 338 (q) tal-Kodiċi Kriminali tikkontempla biss lok pubbliku u mhux ukoll lok espost għall-pubbliku.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra George Xuereb talli (1) fil-15 ta' Settembru, 1996, għall-ħabta ta' l-10.30 a.m. u fix-xhur ta' qabel, kif ukoll fis-26 ta' Otturbu, 1995 f'Ta' Xurdin, limiti tan-Nadur, Għawdex, offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku u aktar (2) talli fil-15 ta' Settembru, 1996, u fix-xhur ta' qabel, f'lok pubbliku u ċjoe' f'Ta' Xurdin, limiti tan-Nadur, Għawdex, neża' għarwien jew ma kienx liebes xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tad-9 ta' April, 1997 li permezz tagħha l-imsemmi George Xuereb instab ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u ġie kkundannat għall-piena ta' tliet ġimgħat priġunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess George Xuereb minnu ppreżentat fil-21 ta' Apirl, 1997 li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant bażikament huma tnejn: li hu qatt ma għamel dak li qed jallegaw dwaru l-konjuġi Madeline u Jeffrey Whitehouse u fit-tieni lok, anke jekk għamel xi ħaġa ma jistax jingħad li dan għamlu f'lok pubbliku jew espost għall-pubbliku;

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta, bħalma neċessarjament kienet l-Ewwel Qorti li l-appellant kemm fil-15 ta' Settembru, 1996 kif ukoll f'okkażjonijiet qabel u wara din id-data, waqt li jkun jew fil-ġnien tiegħu jew fuq il-bejt jew fid-*drive way* li hi komuni għall-proprjeta' tiegħu u ta' l-imsemmija konjuġi, kif appena jara lill-imsemmija Madeline Whitehouse jiftaħ il-qalziet, jesponi l-organi ġenitali tiegħu fid-direzzjoni tagħha u anke jagħmel atti konfaċjenti ma' masturbazzjoni. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant għamel hekk f'dawn l-okkażjonijiet proprju għax kien jaf li tkun tista' taraħ Madeline Whitehouse. Fir-rikors tiegħu l-appellant jippretendi li anke jekk saru xi atti dawn ma jammontawx għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali għax dawn la saru f'lok pubbliku u anqas f'lok espost għall-pubbliku, iżda fil-proprjeta' privata tiegħu. Bl-espressjoni "lok espost għall-pubbliku" fl-artikolu 209 hu evidenti li l-leġislatur ma riedx jillimita ruħu sempliċement għal postijiet pubbliċi jew għal postijiet li jkunu privati iżda "aċċessibbli" għall-pubbliku, iżda ried jinkludi postijiet privati iżda li ġo fihom terzi persuni jkunu jistgħu normalment jittawlu u jaraw xi jkun qed jiġri, sia jekk dawn it-terzi jkunu fit-triq, fuq bjut jew fi twieqi. Jingħad "normalment" fis-sens li dak li jkun qed jiġri f'dan il-lok privat ikun viżibbli għal terza persuna mingħajr ma' din ikollha bżonn tuża xi apparat straordinarju, bħal titla' ma' xi ħbula jew fuq slielem jew kaxex. Fil-każ in diżamina kemm il-ġardina ta' l-appellant kif ukoll il-bejt huma normalment u faċilment viżibbli minn

diversi postijiet fil-proprjeta' tal-konjuġi Whitehouse. Għalhekk l-aggravji ta' l-appellant in kwantu jirrigwardaw l-ewwel imputazzjoni huma infondati;

Kwantu, pero', jirrigwarda t-tieni imputzzjoni, l-appellant għandu raġun. Il-paragrafu (q) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9 jikkontempla l-kontravenzjoni magħmula minn min "fil-portijiet, fi xtut il-baħar jew f'lok ieħor pubbliku, jinża' għarwien jew ma jkunx liebes xieraq". Din id-disposizzjoni tikkontempla biss lok pubbliku u mhux ukoll lok esposti għall-pubbliku. Ma jistax jingħad li dak li xehdu dwaru l-konjuġi Whitehouse sar f'lok pubbliku;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati skond l-ewwel imputazzjoni, tħassaraha u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati skond it-tieni imputazzjoni, mil-liema tieni imputazzjoni qed tilliberah; tħassarha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' tliet ġimgħat priġunerija u minflok tikkundannah għall-piena ta' (18) tmintax-il jum priġunerija mil-lum.